DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/664

tat-18 ta' Mejju 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2019, permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 ([1]) il-Kunsill stabbilixxa l-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) b'mandat ta' sentejn mit-tnedija ta' EUAM RCA.

(2) Ġie stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja għas-sitt xhur mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110, jiġifieri, sat-8 ta' Ġunju 2020, li matulu kellhom jitwettqu t-tħejjijiet meħtieġa biex EUAM RCA tikseb il-kapaċità operattiva inizjali tagħha, bl-istennija li jiġi stabbilit ammont ta' referenza għall-bqija tal-mandat mat-tnedija ta' EUAM RCA.

(3) Fiċ-ċirkostanzi attwali marbuta mal-pandemija ta' COVID-19, it-tnedija ta' EUAM RCA teħtieġ aktar tħejjijiet.

(4) Fis-16 ta' April 2020, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-perijodu ta' validità tal-ammont ta' referenza inizjali jenħtieġ għalhekk jiġi estiż b'xahrejn, jiġifieri, sat-8 ta' Awwissu 2020.

(5) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110, il-paragrafu 1, huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata ma' EUAM RCA għall-perijodu sat-8 ta' Awwissu 2020 għandu jkun ta' EUR 7 100 000. L-ammont ta' referenza finanzjarja għal kull perijodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.'.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Mejju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
G. GRLIĆ RADMAN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141).